MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Numru. 1124/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**
**KONTRA**

**DAVID GRECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

David Grech ta' 32 sena, bin Jacob u Carmen nee' Brignone, mwieled Pieta' nhar l- 1 ta' Lulju 1978, residenti 43, Triq is- Sirena, Isla u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 311578M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ dawn il- Gzejjer fil- 31 ta’ Ottubru 2010 ghal habta tas- 2.15am gewwa Clique, Triq San Gorg, San Giljan u/ jew fil- vicinanzi;

1) attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’ hebb kontra PC 1468 Dirk Pace, PC 1325 Renier Grima u PC 1364 Carl Vella, persuni nkarigati skont il- Ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal- Ligi jew ta’ ordni moghti skont il- Ligi mill-Awtorita’ kompetenti;

2) aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ PC 1364 Carl Vella persuna nkarigata skont il- Ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kien jagixxi ghall- esekuzzjoni tal- ligi jew ta’ ordni moghti skont il- Ligi mill- Awtorita’ kompetenti;

3) akkuzat aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ PC 1468 Dirk Pace, PC 1325 Renier Grima u PC 1364 Carl Vella, persuni nkarigati skont il- Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qieghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is- servizz jew bil- hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l- Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is- servizz;

4) aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku b’ ghajjat u glied;

5) akkuzat aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l- ordnijiet legittimi tal- Pulizija, persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d- dmirijiet taghhom, jew b’ mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ Ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix- xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il- Ligi, jew b’xi mod iehor;

6) akkuzat aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi kien qed ipejjep meta t- tipjip f’ dan il- post huwa ipprojbit;

7) ukoll talli rrenda ruhu recediv b’sentenzi tal- Qorti moghtija mill- Qorti tal- Magistrati Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien flimkien ma’ huh gewwa l-istabbiliment “Clique” f’ San Giljan, fid-data u l-hin indikati. F’mument minnhom dahlu l-Pulizija u raw lill-imputat u lil huh ipejpu gewwa, kontra l-ligi, u meta marru fuqhom biex jiehdu d-dettalji taghhom, l-imputat ma ghenx bl-agir tieghu u beda jaghti dettalji foloz. Meta ghalhekk il-Pulizija komplew jistaqsuh ghad-dettalji tieghu, hu qabad jaghti u jipprova jahrab minn hemm, tant li kellhom jintervjenu wkoll xi membri tas-sigurta’ tal-post, biex izommuh u jikkontrollawh. F’din it-taqtigha l-imputat sofra xi griehi ukoll, li aktarx kienu kkagunati minnu stess fl-isforz li jitlaq minn fuq il-post. Hekk kif hu gie arrestat barra l-istabbiliment, beda jikkalma u fl-ahha qaghad bi kwietu.

Mill-provi prodotti l-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li l-imputat huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha kontra tieghu. Fil-fatt, id-difiza l-anqas ressqet provi f’dan il-kaz. Ftit li xejn ghandha x’izzid il-Qorti fuq dak li semghet f’din il-kawza. Huwa evidenti li l-imputat ghandu bzonn jaghmel zmien mizmum fil-Facilita’ Korrettiva sabiex jirrefletti fuq ghemilu. Huwa ghal kollox inaccettabbli li persuna

taggredixxi lill-Ufficjali tal-Pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom ghal xejn b'xejn, bi ksuhat u b'imgieba bla rispett ta' xejn. Ghalhekk din il-Qorti sejra taghtih il-piena ta' prigunerija effettiva ai termini tal-ligi. Tenut kont taz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv u tac-cirkostanzi tal-kaz, meta l-piena massima hija ta' sena mizjuda bi grad, il-Qorti ser tapplika piena lejn nofs dik stabbilita bil-ligi, u dan minhabba l-fatt li l-incident kollu, ghalkemm inaccettabbli u ghal kollox kundannabbli, ma kellux konsegwenzi serji.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 96, 221, 95, 222(1)(c), 338(dd) u (ee), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah disa' (9) xhur prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------